MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 1462/1999/1

**Allied Insurance Services Limited bhala agenta ghas-socjeta' estera assigurattrici, Assicurazioni Generali S.p.A, u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Louise Debattista, u Louise Debattista personalment**

**Vs**

**John Taylor**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici nomine et ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm453.84,0 (erba mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u erba u tmenin centezmu), jew somma verjuri, rappresentanti d-danni sofferti fil-vettura LAB-891 proprjeta' tal-assigurata li ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjeta' assigurattrici skond il-polza u l-Ligi kif wkoll lill-attrici Louise Debattista s-somma ta' mitt Lira Maltin (Lm100.00) rappresentanti l-excess li kellha thallas skond il-polza, u dan in segwitu tal-

kollizjoni li grat fid-9 ta’ Marzu, 1997 f’Triq Hal Far, Gudja bejn il-vettura AAE-994 mill-konvenut misjuq u l-vettura LAB-891 misjuqa mill-attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datat t-8 ta’ Marzu, 1999, u l-imghax legali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-26 ta' April 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta' Lm453.84,0 u lill-attrici, Louise Debattista, is-somma ta’ Lm100, b’kollox Lm553.84,0 bl-imghax legali mit-8 ta’ Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Marzu 1999.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------